KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA

Brussell, 25 ta' Jannar 2011 (27.01)
(OR. en)

17895/2/10
REV 2

PUBLIC 90

**NOTA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | SOMMARJU TA' KULL XAHAR TA' ATTI TAL-KUNSILL OTTUBRU 2010 |

Dan id-dokument jikkonsisti f'dan li ġej:

– ANNESS I li fih lista ta' atti adottati mill-Kunsill f'Ottubru 2010.[1] [2]

– ANNESS II li fih aktar dettalji dwar l-adozzjoni ta' dawn l-atti. Il-PARTI I tipprovdi informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti leġislattivi, bħad-data tal-adozzjoni, is-sessjoni rilevanti tal-Kunsill, in-numru tad-dokument adottat, u skont il-każ, ir-regoli tal-votazzjoni applikabbli, ir-riżultati tal-votazzjoni, l-ispjegazzjoni tagħha u d-dikjarazzjonijiet ippubblikati fil-minuti tal-Kunsill. PARTI II tipprovdi informazzjoni li l-Kunsill ikun iddeċieda li jagħmel pubblika dwar l-adozzjoni ta' atti oħrajn.

[1] Bl-eċċezzjoni ta' ċerti atti b'kamp ta' applikazzjoni limitat bħal deċiżjonijiet proċedurali, ħatriet, deċiżjonijiet ta' korpi stabbiliti bi ftehimiet internazzjonali, deċiżjonijiet speċifiċi dwar il-baġit, eċċ.

[2] Fil-każ ta' atti leġislattivi adottati minn proċedura leġislattiva ordinarja, jista' jkun hemm differenza bejn id-data tal-laqgħa tal-Kunsill meta l-att leġislattiv jiġi adottat u d-data attwali tal-att inkwistjoni, peress li l-atti leġislattivi adottati minn proċedura leġislattiva ordinarja jitqiesu biss li jkunu ġew adottati wara l-iffirmar kemm mill-President tal-Kunsill u l-President tal-Parlament Ewropew kif ukoll mis-Segretarji-Ġenerali taż-żewġ Istituzzjonijiet.

Dan id-dokument huwa disponibbli wkoll permezz tal-Internet ( http://consilium.europa.eu/ ) ara taħt "Dokumenti", "Trasparenza Leġislattiva", "Sommarju tal-Atti tal-Kunsill". Id-dokumenti elenkati fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill (Aċċess għal dokumenti tal-Kunsill: Registru Pubbliku ).

Għandu jiġi nnotat li huma biss il-minuti dwar l-adozzjoni definittiva ta' atti leġislattivi li huma awtentiċi (disponibbli permezz tal-Internet: http://consilium.europa.eu/, ara taħt "Dokumenti", "Trasparenza Leġislattiva", "Minuti tal-Kunsill").

ANNESS I

## LISTA TA' ATTI ADOTTATI MILL-KUNSILL

## F'OTTUBRU 2010

**Adozzjoni ta' atti leġislattivi wara t-tieni qari tal-Parlament Ewropew (Brussell, mis-6 sas-7 ta' Ottubru 2010)**

*Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jestendi r-Regolament (KE) Nru 883/2004 u r-Regolament (KE) Nru 987/2009 għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li mhumiex diġà koperti b'dawn ir-Regolamenti unikament minħabba n-nazzjonalità tagħhom*
PE-CONS 58/10

**It-3034 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (ĠUSTIZZJA u AFFARIJIET INTERNI), li saret fil-Lussemburgu fis-7 u t-8 ta' Ottubru 2010**

*Id-Direttiva 2010/64/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar id-dritt għal interpretar u traduzzjoni fi proċedimenti kriminali*
ĠU L 280, 26.10.2010, p. 1-7

*Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010 tas-7 ta' Ottubru 2010 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva u l-ġlieda kontra l-frodi fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud*
ĠU L 268, 12.10.2010, p. 1–18

*2010/616/UE: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Ottubru 2010 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun dwar assistenza legali reċiproka f'materji kriminali*
ĠU L 271, 15.10.2010, p. 3–3

*Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/603/PESK tas-7 ta' Ottubru 2010 dwar iżjed miżuri b'sostenn għall-implimentazzjoni effettiva tal-mandat tat-Tribunal Kriminali Internazzjonali għal dik li kienet il-Jugoslavja (ICTY)*
ĠU L 265, 8.10.2010, p. 15-16

*Dikjarazzjoni tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar il-Eurofisc, stabbilit skont il-Kapitolu X tar-Regolament tal-Kunsill dwar il-kooperazzjoni amministrattiva u l-ġlieda kontra l-frodi fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud*
ĠU C 275, 12.10.2009, p. 4–5

*Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-segwitu tal-implimentazzjoni tal-istrumenti li jimplimentaw il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji f'materji kriminali*
13403/1/10 REV 1

*2010/649/UE: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Ottubru 2010 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Pakistan dwar ir-riammissjoni ta' persuni li jirresjedu mingħajr awtorizzazzjoni*
ĠU L 287, 4.11.2010, p. 50-51

*Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Pakistan dwar ir-riammissjoni ta' persuni li jirrisjedu mingħajr awtorizzazzjoni*
ĠU L 287, 4.11.2010, p. 52–67

*2010/621/UE: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Ottubru 2010 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil dwar eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir għad-detenturi ta' passaporti diplomatiċi, ta' servizz jew uffiċjali*
ĠU L 273, 19.10.2010, p. 2-3

*2010/622/UE: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Ottubru 2010 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil dwar eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir għad-detenturi ta' passaporti ordinarji*
ĠU L 275, 20.10.2010, p. 3-4

*2010/620/UE: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Ottubru 2010 dwar l-iffirmar ta' Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Renju tal-Marokk fil-programmi tal-Unjoni*
ĠU L 273, 19.10.2010, p. 1-1

*Id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Indoneżja dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru*
10843/10

*Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-sħubija pubblika-privata fir-rigward tat-titjib tas-sigurtà tal-isplussivi*
13485/10

**It-3035 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (KOMPETITTIVITÀ - SUQ INTERN, INDUSTRIJA U RIĊERKA), li saret fil-Lussemburgu fil-11 u t-12 ta' Ottubru 2010**

*Id-Direttiva 2010/73/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li temenda d-Direttiva 2003/71/KE dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ u 2004/109/KE dwar l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' informazzjoni dwar emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq regolat*
ĠU L 327, 11.12.2010, p. 1-12

*Id-Direttiva 2010/76/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li temenda d-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE dwar ir-rekwiżiti kapitali għall-kotba tal-kummerċ u għar-rititolizzazzjonijiet, u r-reviżjoni superviżorja tal-politiki dwar ir-rimunerazzjoni*
ĠU L 329, 14.12.2010, p. 3-35

*Id-Deċiżjoni Nru 938/2010/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 li tipprovdi għajnuna makrofinanzjarja lir-Repubblika tal-Moldova*
ĠU L 277, 21.10.2010, p. 1–3

*Ir-Regolament (UE) Nru 994/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar miżuri li jissalvagwardjaw is-sigurtà tal-provvista tal-gass u li jirrevoka d-Direttiva 2004/67/KE Test b'relevanza ŻEE*
ĠU L 295, 12.11.2010, p. 1-22

*Id-Direttiva 2010/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar il-formalitajiet ta' rappurtar għal bastimenti li jaslu fi u/jew jitilqu minn portijiet tal-Istati Membri, u li tirrevoka d-Direttiva 2002/6/KE Test b'relevanza ŻEE*
ĠU L 283, 29.10.2010

*Ir-Regolament (UE) Nru 995/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 li jistabbilixxi l-obbligi tal-operaturi li jqiegħdu fis-suq injam u prodotti tal-injam Test b'rilevanza għaż-ŻEE*
ĠU L 295, 12.11.2010, p. 23-34

*Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-drittijiet tal-passiġġieri meta jivvjaġġaw bil-baħar jew minn passaġġi fuq l-ilma interni u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004*
PE-CONS 32/10 + COR 1 (fi) + REV 1 (cs) + REV 2 (sv) + REV 3 (pl) + REV 4 (it)

*Ir-Regolament (UE) Nru 996/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar l-investigazzjoni u l-prevenzjoni ta' aċċidenti u inċidenti fis-settur tal-avjazzjoni ċivili u li jħassar id-Direttiva 94/56/KE Test b'relevanza għaż-ŻEE*
ĠU L 295, 12.11.2010, p. 35-50

*2010/623/UE: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Ottubru 2010 li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, rigward l-awdituri esterni tal-Banka d'Italia*
ĠU L 275, 12.10.2010, p. 9-9

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Ewropa, l-ewwel destinazzjoni turistika fid-dinja - qafas politiku ġdid għat-turiżmu Ewropew*
14944/10

*Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Inżidu l-attrazzjoni tal-programmi tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE: l-isfida tas-simplifikazzjoni*
14980/10

*Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tnedija ta' inizjattivi ta' pprogrammar konġunt dwar 'L-agrikoltura, is-sigurtà tal-provvista tal-ikel u t-tibdil fil-klima', 'Il-Wirt Kulturali u t-Tibdil Dinji: sfida ġdida għall-Ewropa', u 'Dieta tajba għal ħajja b'saħħitha'*
14976/10

**It-3036 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AMBJENT), li saret fil-Lussemburgu fl-14 ta' Ottubru 2010**

*Id-Direttiva tal-Kunsill 2010/66/UE tal-14 ta' Ottubru 2010 li temenda d-Direttiva 2008/9/KE li tistabbilixxi regoli dettaljati għar-rifużjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud, prevista fid-Direttiva 2006/112/KE, għal persuni taxxabbli mhux stabbiliti fl-Istat Membru ta' rifużjoni iżda stabbiliti fi Stat Membru ieħor*
ĠU L 275, 20.10.2010, p. 1-2

*Id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni Ewropea fin-negozjati li qed isiru fil-qafas tal-Protokoll ta' Montreal dwar Sustanzi li Jnaqqsu s-Saff tal-Ożonu*
13480/10

*Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tħejjija tal-għaxar laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet (COP 10) għall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (CBD) (Nagoja, 18 - 29 ta' Ottubru 2010)*
14161/10

*Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-analiżi ta' alternattivi biex nimxu lil hinn minn tnaqqis ta' 20 % fl-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra u l-valutazzjoni tar-riskju tar-rilokazzjoni ta' emissjonijiet tal-karbonju*
14979/10

*Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tħejjijiet għas-16-il sessjoni tal-Konferenza tal-Partijiet (COP 14) għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) u għas-sitt sessjoni tal-Laqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll ta' Kyoto (CMP 6) (Cancún, mid-29 ta' Novembru sal-10 ta' Diċembru 2010)*
14957/10

**It-3037 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (TRASPORT, TELEKOMUNIKAZZJONI u ENERĠIJA) li saret fil-Lussemburgu fil-15 ta' Ottubru 2010**

*Il-pożizzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Ottubru 2010 dwar l-Ittra ta' emenda Nru 1 għall-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2011*
15000/10

*Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Applikazzjonijiet tas-Sistema Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS)*
14146/10

*Id-Deċiżjoni tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim Ewro-Mediterranju għall-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, min-naħa l-oħra*
14030/10

*Id-Deċiżjoni tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fil-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim dwar Spazju Komuni għall-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Ġeorġja min-naħa l-oħra*
14031/10

*Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 1/2010 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (skont l-Artikolu 287(4), it-tieni subparagrafu, TFUE): Il-proċeduri doganali ssimplifikati għall-importazzjonijiet huma kkontrollati b'mod effettiv?*
12760/3/10 REV 3

*Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/619/PESK tal-15 ta' Ottubru 2010 li temenda l-Azzjoni Konġunta 2008/124/PESK dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo, il-EULEX KOSOVO*
ĠU L 272, 16.10.2010, p. 19-19

*Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Ottubru 2010 li tawtorizza lir-Repubblika Taljana biex tkompli tapplika miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 285 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud*
ĠU L 294, 12.11.2010, p. 12-13

**It-3038 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI), li saret fil-Lussemburgu fid-19 ta' Ottubru 2010**

*2010/655/UE: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2010 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim ta' Kooperazzjoni għall-Protezzjoni mit-Tniġġis tax-Xtut u l-Ibħra fil-Grigal tal-Atlantiku*
ĠU L 285, 30.10.2010, p. 1-3

*Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Iżgurar tal-effiċjenza u l-effettività futuri tal-infiq pubbliku għall-edukazzjoni terzjarja.*
14638/10

*Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-reviżjoni tal-KPE tal-aħjar prattika*
14613/10

**It-3039 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (IMPJIEGI, POLITIKA SOĊJALI, SAĦĦA U AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR), li saret fil-Lussemburgu fil-21 ta' Ottubru 2010**

*Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2010 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni stabbilit bil-Ftehim dwar Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Kroazja, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi ta' sigurtà soċjali*
ĠU L 306, 23.11.2010, p. 35-35

*Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2010 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni maħluq mill-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tat-Tuneżija, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni ta' dispożizzjonijiet dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi ta' sigurtà soċjali*
ĠU L 306, 23.11.2010, p. 8-8

*Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2010 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit bil-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni ta' dispożizzjonijiet dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi ta' sigurtà soċjali*
ĠU L 306, 23.11.2010, p. 1-1

*Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2010 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni maħluq mill-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika Demokratika Popolari tal-Alġerija, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni ta' dispożizzjonijiet dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi ta' sigurtà soċjali*
ĠU L 306, 23.11.2010, p. 14-14

*Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2010 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit bil-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u l-Istat tal-Iżrael, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni ta' dispożizzjonijiet dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi ta' sigurtà soċjali*
ĠU L 306, 23.11.2010, p. 21-21

*Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2010 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni stabbilit bil-Ftehim dwar Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-koordinazzjoni ta' sistemi tas-sigurtà soċjali*
ĠU L 306, 23.11.2010, p. 28-28

*2010/707/UE: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2010 dwar il-linji gwida għal-linji politiċi dwar l-impjiegi tal-Istati Membri*
ĠU L 308, 24.11.2010, p. 46-51

*Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Governanza tal-Istrateġija Ewropea dwar l-Impjiegi fil-kuntest tal-Ewropa 2020 u s-Semestru Ewropew*
15590/10

**It-3040 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET ĠENERALI), li saret fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ottubru 2010**

*Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 965/2010 tal-25 ta' Ottubru 2010 li jimponi dazju definittiv tal-anti-dumping u li jiġbor definittivament id-dazju proviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' glukonat tas-sodju li joriġina mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina*
ĠU L 282, 28.10.2010, p. 24-28

*Ir-Regolament ta' implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 964/2010 tal-25 ta' Ottubru 2010 li jimponi dazju anti-dumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju proviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti roti tal-aluminju għall-użu fit-triq li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina*
ĠU L 282, 28.10.2010, p. 1-23

*Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 973/2010 tal-25 ta' Ottubru 2010 li temporanjament jissospendi d-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni fuq importazzjoni ta' ċerti prodotti industrijali fir-reġjuni awtonomi tal-Azores u Madeira*
ĠU L 285, 30.10.2010, p. 4-8

*Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew: Valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-miżuri għall-irtirar kmieni kif stipulat fl-Artikolu 9 tal-Anness VIII għar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali u l-Artikolu 39 tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg ta' Ħaddiema Oħra tal-Komunitajiet Ewropej*
14699/10

*Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Applikazzjoni tar-Repubblika tas-Serbja għal sħubija fl-Unjoni Ewropea*
15305/2/10 REV 2

**It-3041 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET BARRANIN), li saret fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ottubru 2010**

*Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Lejn politika komprensiva ta' investiment internazzjonali Ewropew*
14373/10

*ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jistabbilixxi Mekkaniżmu għas-Soluzzjoni tat-Tilwim*
13752/10

*ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, ta' Ftehim fl-għamla ta' Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan li jistabbilixxi mekkaniżmu tas-soluzzjoni tat-tilwim applikabbli għal tilwim li jaqa' taħt id-dispożizzjonijiet kummerċjali tal-Ftehim Euro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan min-naħa l-oħra*
13756/10

*ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, ta' Ftehim fil-forma ta' Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Għarbija tal-Eġittu li jistabbilixxi mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim applikabbli għal tilwimiet li jaqgħu taħt id-dispożizzjonijiet kummerċjali tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda, u r-Repubblika Għarbija tal-Eġittu, min-naħa l-oħra*
13760/10

*Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Bjelorussja*
15014/10

*Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Uzbekistan*
14949/10 + COR 1 (fi)

*Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Balkani tal-Punent - il-Bosnja-Ħerzegovina*
15129/10 REV 1

*Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 961/2010 tal-25 ta' Ottubru 2010 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 423/2007*
ĠU L 281, 27.10.2010, p. 1-77

*Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/644/PESK tal-25 ta' Ottubru 2010 li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2007/140/PESK*
ĠU L 281, 27.10.2010, p. 81-95

*Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/638/PESK tal-25 ta' Ottubru 2010 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika tal-Ginea*
ĠU L 280, 26.10.2010, p. 10-17

*Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/639/PESK tal-25 ta' Ottubru 2010 dwar miżuri restrittivi kontra ċerti uffiċjali tal-Bjelorussja*
ĠU L 280, 26.10.2010, p. 18–28

*Linji Gwida Riveduti dwar il-Protezzjoni tal-Popolazzjonijiet Ċivili fil-Missjonijiet u l-Operazzjonijiet tal-PSDK*
15091/10

*Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Repubblika tal-Moldova*
15521/10

*Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Saħel*
15570/10

*Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sħubija tal-Lvant*
15520/10

**It-3042 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AGRIKOLTURA U SAJD), li saret fil-Lussemburgu fis-26 ta' Ottubru 2010**

*2010/739/UE: Id-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni EGF/2009/021 IE/SR Technics mill-Irlanda)*
ĠU L 318, 4.12.2010, p. 36-36

*Id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-Istati Membri li jikkontribwixxu għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (it-tielet ħlas parzjali għall-2010)*
15043/10

**Proċedura bil-miktub li tlestiet fid-29 ta' Ottubru 2010**

*Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/656/PESK tad-29 ta' Ottubru 2010 li ġġedded il-miżuri restrittivi kontra l-Côte d'Ivoire*
ĠU L 285, 30.10.2010, p. 28-32

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OTTUBRU 2010 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TAL-VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| **Adozzjoni ta' atti leġislattivi wara t-tieni qari tal-Parlament Ewropew (Brussell, mis-6 sas-7 ta' Ottubru 2010)** | | | |
| Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jestendi r-Regolament (KE) Nru 883/2004 u r-Regolament (KE) Nru 987/2009 għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li mhumiex diġà koperti b'dawn ir-Regolamenti unikament minħabba n-nazzjonalità tagħhom | PE-CONS 58/10 | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli |
| **It-3034 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (ĠUSTIZZJA u AFFARIJIET INTERNI), li saret fil-Lussemburgu fis-7 u t-8 ta' Ottubru 2010** | | | |
| Id-Direttiva 2010/64/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar id-dritt għal interpretar u traduzzjoni fi proċedimenti kriminali | PE-CONS 27/10 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

**Dikjarazzjoni mill-Kunsill**
Il-Kunsill jinnota li skont l-Artikolu 7(1), l-Istati Membri għandhom jimplimentaw din id-Direttiva fl-ordni ġuridiku nazzjonali tagħhom f'perijodu li jintemm 36 xahar wara l-pubblikazzjoni tad-Direttiva f'Il-Ġurnal Uffiċjali. Il-Kunsill jinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex jimplimentaw id-Direttiva malajr kemm jista' jkun, qabel tmiem il-perijodu msemmi. Il-Kunsill jirrikonoxxi li l-perijodu ta' 36 xahar għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva ma jikkostitwixxix preċedent għall-perijodu ta' implimentazzjoni li għandu jiġi stabbilit bi qbil fir-rigward tal-miżuri l-oħra li għandhom jiġu adottati abbażi tal-"Pjan direzzjonali għat-tisħiħ tad-drittijiet proċedurali ta' persuni suspettati jew akkużati fi proċedimenti kriminali"[1].
(1) ĠU C 295, 4.12.2009, p.1.

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI<br>OTTUBRU 2010 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TAL-VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010 tas-7 ta' Ottubru 2010 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva u l-ġlieda kontra l-frodi fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud | 12193/10<br>+ COR 1 (pl)<br>+ COR 2 (de)<br>+ COR 3 (fr)<br>+ REV 1 (es)<br>+ REV 2 (nl) | B'unanimità | L-Istati Membri kollha favur |

**Dikjarazzjoni mill-Kunsill Rigward il-Kapitlu VIII**
Il-Kunsill jiddikjara li d-dispożizzjonijiet f'dan il-Kapitolu jkopru wkoll il-"kontrolli multilaterali" li għalihom hemm riferiment fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni 1482/2007/KE tal-11/12/07 (Deċiżjoni Fiscalis 2013).

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni Rigward il-Kapitlu X**
Il-Kummissjoni tintrabat li tiżgura li fi żmien qasir issejjaħ l-ewwel laqgħa tal-grupp EUROFISC.
Il-Kummissjoni ser tipprovdi wkoll appoġġ tekniku u loġistiku lill-EUROFISC u b'mod partikolari:
Hija għandha tipprovdi appoġġ tekniku sabiex jiġi ggarantit fluss ta' informazzjoni permezz ta' mezzi elettroniċi rapidi u siguri (in-netwerk CCN/CSI, jew kwalunkwe netwerk futur ieħor tal-informatika).
Hija għandha wkoll issejjaħ laqgħat tal-oqsma ta' ħidma tal-EUROFISC kif mitlub mill-koordinaturi tal-oqsma ta' ħidma tal-EUROFISC, kif ukoll il-laqgħat tal-Grupp EUROFISC.

**Dikjarazzjoni mill-Kunsill Rigward il-Kapitlu X**
Il-Kunsill jiddikjara li l-EUROFISC ser jieħu vantaġġ mit-trasferiment ta' esperjenza u għarfien mill-EUROCANET u l-AUTOCANET, mekkaniżmi żviluppati mill-amministrazzjoni fiskali Belġjana għal kooperazzjoni multilaterali."

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI<br>OTTUBRU 2010 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TAL-VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| **It-3035 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (KOMPETITTIVITÀ - SUQ INTERN, INDUSTRIJA U RIĊERKA), li saret fil-Lussemburgu fil-11 u t-12 ta' Ottubru 2010** | | | |
| Id-Direttiva 2010/73/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li temenda d-Direttiva 2003/71/KE dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ u 2004/109/KE dwar l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' informazzjoni dwar emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq regolat | PE-CONS 29/10 + REV 1 (nl) | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

**Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Portugiża u dik Ċiprijotta**

Il-bidliet proposti għad-Direttiva dwar il-Prospett għandhom l-għan li jillimitaw il-piż għall-kumpanniji, speċjalment għal intrapriżi żgħar u dawk ta' daqs medju. Dan huwa ċertament objettiv pożittiv, iżda m'għandhux jipperikola l-protezzjoni tal-investitur, l-għan prinċipali tad-Direttiva dwar il-Prospett, u l-livell ta' armonizzazzjoni miksub preċedentement fl-Istati Membri. F'dan il-kuntest il-Portugall u Ċipru jikkunsidraw li għandu jittieħed kont tal-impatt negattiv potenzjali tal-proposta attwali fuq iż-żewġ aspetti ewlenin imsemmija qabel tad-Direttiva dwar il-Prospett - il-protezzjoni tal-investitur u l-armonizzazzjoni fl-Istati Membri - fl-abbozzar tal-miżuri ta' implimentazzjoni u għandhom jiġu evalwati mill-ġdid bir-reqqa mill-Kummissjoni meta ssir reviżjoni ulterjuri tad-Direttiva.

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI<br>OTTUBRU 2010 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TAL-VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| Id-Direttiva 2010/76/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li temenda d-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE dwar ir-rekwiżiti kapitali għall-kotba tal-kummerċ u għar-rititolizzazzjonijiet, u r-reviżjoni superviżorja tal-politiki dwar ir-rimunerazzjoni | PE-CONS 35/10 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

**Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Finlandiża**

Il-Finlandja hija tal-opinjoni li l-applikazzjoni tal-Artikolu 3.1 tad-Direttiva tista' twassal għal applikazzjoni retroattiva tal-leġislazzjoni għall-kuntratti privati, li jkunu f'kunflitt mal-interpretazzjoni stabbilita tal-protezzjoni kostituzzjonali tal-proprjetà. Għalhekk, il-Finlandja ser tapplika l-paragrafu filwaqt li tieħu kont tal-prinċipji meħtieġa biex tiżgura l-protezzjoni kostituzzjonali tal-proprjetà.

**Dikjarazzjoni mir-Renju Unit**

Ir-Renju Unit jinnota l-emendi għat-trattament ta' bonds koperti fil-paragrafu 2 ba-bd tal-Anness I tat-test emendatorju. Dawn jaffettwaw id-dispożizzjonijiet dwar il-piżijiet tar-riskju mehmuża mal-bonds koperti u l-inklużjoni ta' titolizzazzjonijiet fil-gruppi ta' bonds koperti, li kellhom jiġu riveduti sa Diċembru 2010. Il-piżijiet tar-riskju saru permanenti u l-inklużjoni ta' titolizzazzjonijiet ġiet estiża sal-2013. Wara li ntlaħaq il-qbil inizjali bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew, il-Kunsill Governattiv tal-BĊE esprima dubji serji fir-rigward tal-inklużjoni ta' titolizzazzjonijiet fil-gruppi ta' bonds koperti. Fid-dawl tat-tħassib li ġie espress u l-importanza ta' qafas prudenzjali sod għall-banek fl-Unjoni Ewropea, ir-Renju Unit jemmen li ż-żewġ kwistjonijiet deskritti hawn fuq għandhom jiġu riveduti b'mod formali malajr kemm jista' jkun u, fi kwalunkwe każ, fil-ħin għad-diskussjonijiet tal-proposti fir-rigward tad-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti Kapitali (CRD4).

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI<br>OTTUBRU 2010 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TAL-VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| Id-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tipprovdi għajnuna makrofinanzjarja lir-Repubblika tal-Moldova | PE-CONS 44/10<br>+ REV 1<br>(bg, el, fr, hu, lt, mt, nl, pl, pt, ro, sl, sk)<br>+ REV 1 COR 1<br>(nl, lt) | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

**Dikjarazzjoni mill-Kunsill u l-Kummissjoni**
Il-Kunsill u l-Kummissjoni jikkonfermaw li l-kriterji ta' Genval, kif riveduti mill-Kunsill (Ecofin) fit-08.10.02, jibqgħu l-prinċipji li fuqhom għandha tkompli tissejjes kwalunkwe għajnuna makrofinanzjarja futura.

**Dikjarazzjoni mill-Kunsill**
Fl-għoti tal-kunsens tiegħu, il-Kunsill jenfasizza l-fatt li minħabba r-reviżjoni ġenerali tad-Deċiżjoni dwar il-Komitoloġija 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999, il-ħolqien previst ta' kumitat konsultattiv sabiex jissorvelja l-implimentazzjoni tal-għajnuna makrofinanzjarja għar-Repubblika tal-Moldova, ma joħloqx preċedent fir-rigward ta' proposti leġislattivi sussegwenti dwar l-assistenza makrofinanzjarja.
Il-Kunsill jappoġġa aktar diskussjonijiet mal-Parlament Ewropew biex jintlaħaq ftehim dwar approċċ konġunt għall-għajnuna makrofinanzjarja fid-dawl tal-kriterji ta' Genval fil-verżjoni tat-8 ta' Ottubru 2002.

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI<br>OTTUBRU 2010 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TAL-VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri li jissalvagwardjaw is-sigurtà tal-provvista tal-gass u li jħassar id-Direttiva 2004/67/KE | PE-CONS 30/10<br>+ COR 1 (en)<br>+ REV 1<br>(bg, cs, el, es, et, fr, ga, it, lt, pt, sv, lv, mt, sl, ro)<br>+ REV 2 (el)<br>+ REV 3 (it)<br>+ REV 4 (lt) | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

**Dikjarazzjoni mill-Pajjiżi l-Baxxi**

Il-Pajjiżi l-Baxxi ħadu nota tal-approvazzjoni tar-Regolament dwar miżuri biex tiġi salvagwardjata s-sigurtà tal-provvista tal-gass u huma mħassbin dwar għadd ta' kwistjonijiet li jsegwu mir-Regolament. L-ewwel nett, għal esportatur nett tal-gass naturali bħall-Pajjiżi l-Baxxi, il-formulazzjoni ta' politiki miżuri dwar is-sigurtà tal-provvista fir-rigward tal-gass, għandha tibqa' prerogattiva nazzjonali.

It-tieni kwistjoni tikkonċerna investimenti minn gvernijiet fl-infrastruttura tal-gass, inklużi l-installazzjonijiet LNG u l-ħażniet tal-gass, li huma ġustifikati bl-argumenti dwar is-sigurtà tal-provvista, iżda li mhumiex meħtieġa mis-suq u jistgħu jfixklu serjament il-funzjonament tajjeb tas-suq intern fil-gass naturali, peress li dawn iwasslu għal kompetizzjoni inġusta u huma detrimentali għall-inizjattivi tas-settur privat. Il-Pajjiżi l-Baxxi jappellaw lill-Kummissjoni Ewropea biex tissorvelja mill-qrib dawn it-tipi ta' investimenti.

It-tielet, il-Pajjiżi l-Baxxi jagħtu importanza kbira lil rekwiżiti ċari u definiti sew għall-intrapriżi tal-gass naturali biex jittieħdu l-miżuri meħtieġa biex tkun żgurata l-provvista tal-gass għal konsumaturi protetti. Sfortunatament, ir-Regolament ma jipprovdix din iċ-ċarezza peress li l-istandard tal-provvista għandu karattru miftuħ u mhuwiex ċar mill-bidu nett liema intrapriża tal-gass naturali jew grupp ta' intrapriżi tal-gass naturali għandhom jieħdu l-miżuri. Dan jista' jwassal għal diskussjonijiet twal u kkumplikati fil-livell nazzjonali. Sabiex jiġi evitat dan, il-Pajjiżi l-Baxxi għandhom jitħallew jagħmlu l-għażliet proprji tagħhom dwar dawn il-kwistjonijiet, mingħajr interferenza mill-Kummissjoni Ewropea.

Fl-aħħar nett, il-Pajjiżi l-Baxxi huma tal-opinjoni li l-interkonnessjonijiet tal-Gass b'valur Kalorifiku Baxx għandhom ikunu eżentati mill-obbligi ta' flussi bi-direzzjonali, peress li l-flussi bi-direzzjonali għal din ix-xorta speċifika ta' gass ma jikkontribwixxux għas-sigurtà Ewropea tal-provvista tal-gass.

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI<br>OTTUBRU 2010 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TAL-VOTAZZJONI** | **VOTI** |

**Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-kompetizzjoni fir-rigward tal-premessa 45**
Il-Kummissjoni tikkunsidra li r-referenza fil-premessa 45 għad-distorsjoni tal-kompetizzjoni tkopri l-forom kollha ta' restrizzjoni tal-kompetizzjoni, inklużi b'mod partikolari l-klawsoli restrittivi tal-kuntratti, pereżempju l-klawsoli ta' destinazzjoni.
Il-Kummissjoni tikkonferma wkoll li l-applikazzjoni tal-Artikolu 101 tat-TFUE għall-kondizzjonijiet imsemmija fil-premessa 45 ser isiru fejn xieraq mill-Kummissjoni jew minn awtorità kompetenti għall-kompetizzjoni waħda jew iktar tal-Istati Membri, b'konformità mad-dispożizzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003.

**Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-sigurtà fit-tul ta' miżuri ta' provvista, inkluża d-diversifikazzjoni tas-sorsi u r-rotot tal-provvista tal-gass, il-kooperazzjoni reġjonali u l-kooperazzjoni internazzjonali fl-effiċjenza enerġetika**
Il-Kummissjoni tisħaq li d-diversifikazzjoni tas-sorsi u r-rotot tal-provvista tal-gass għall-Unjoni hija essenzjali biex tittejjeb is-sigurtà tal-provvista tal-gass tal-Istati Membri individwali u l-Unjoni inġenerali.
Wara li l-Kummissjoni rrikonoxxiet il-ħtieġa li tiżviluppa sigurtà fit-tul ta' strateġija tal-provvissta, sa tmiem l-2010 hija ser tadotta Pakkett dwar l-Infrastruttura tal-Enerġija komprensiv li jivvaluta l-prijoritajiet għall-iżvilupp tal-infrastrutturi tal-gass fl-għexieren ta' snin li ġejjin u l-iżvilupp miksub fil-prijoritajiet identifikati fit-Tieni Reviżjoni Strateġika dwar l-Enerġija. Il-Pakkett dwar l-Infrastruttura tal-Enerġija se jidentifika l-istrumenti u l-miżuri biex jipprovdi inċentivi għall-investimenti fl-infrastrutturi tal-gass, b'mod partikolari inklużi d-diversifikazzjoni tar-rotot tal-provvista, l-integrazzjoni tal-'gżejjer tal-gass', il-faċilitajiet tal-gass naturali likwifikat (LNG), kif ukoll il-kapaċitajiet tal-ħżin.
Il-Kummissjoni tappoġġa wkoll il-kooperazzjoni mill-qrib tal-partijiet interessati kollha fil-livelli kollha – l-Istati Membri, ir-Regolaturi indipendenti, l-industrija tal-gass u l-konsumaturi - fl-inizjattivi reġjonali Fl-2010, il-Kummissjoni ser toħroġ Komunikazzjoni dwar l-inizjattivi reġjonali biex tipprovdi gwida dwar kif jista' jsir il-progress bl-aħjar mod u biex tkompli tiżviluppa l-inizjattivi eżistenti dwar il-kooperazzjoni reġjonali. Il-kooperazzjoni reġjonali mill-qrib hija kruċjali biex jintlaħaq suq intern tal-enerġija li jiffunzjona kompletament. Il-Komunikazzjoni dwar l-inizjattivi reġjonali ser tagħmel il-proposti għall-għanijiet komuni u l-aħjar prattiki.
Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-effiċjenza enerġetika għandha rwol importanti fl-iżgurar tas-sigurtà tal-enerġija fit-tul. Il-Kummissjoni ser tkompli tiżviluppa kooperazzjoni mill-qrib mal-pajjiżi terzi biex tippromwovi l-effiċjenza enerġetika permezz tal-iskambju tal-informazzjoni dwar l-istrateġiji fir-rigward tal-iffrankar tal-enerġija, ir-riċerka dwar it-teknoloġiji li jiffrankaw l-enerġija u l-qsim tal-aħjar prattiki, permezz tas-Sħubija Internazzjonali għall-Kooperazzjoni fl-Effiċjenza fl-Użu tal-Enerġija u permezz tal-arranġamenti bilaterali.

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI<br>OTTUBRU 2010 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TAL-VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-formalitajiet tar-rappurtar għal bastimenti li jaslu fi u/jew jitilqu minn portijiet tal-Istati Membri tal-Komunità, u li tirrevoka d-Direttiva 2002/6/KE | PE-CONS 34/10 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-obbligi tal-operaturi li jqiegħdu fis-suq tal-Komunità l-injam u prodotti tal-injam | PE-CONS 33/10<br>+ COR 1 (fi)<br>+ REV 1 (fr)<br>+ REV 2 (sl) | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur ħlief:<br>kontra: SE<br>astensjoni: PT, CZ |

**Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Svediża**

L-Isvezja tapprova bis-sħiħ l-iskop tar-Regolament, jiġifieri li jiġi limitat globalment il-qtugħ illegali ta' siġar. Għar-raġunijiet mogħtija hawn taħt, sfortunatament l-Isvezja ma tistax tapprova d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar ir-Regolament 2008/0198(COD).

L-Isvezja tiddubita kemm il-piż amministrattiv miżjud li r-Regolament ser jinvolvi għal għadd kbir ta' impriżi tal-UE hu proporzjonat għall-ammont li bih ir-Regolament ser ikun jista' jillimita globalment il-qtugħ illegali ta' siġar. Hemm il-periklu li r-Regolament ser ikollu impatt sproporzjonatament kbir fuq pajjiżi terzi u jista' għalhekk joħloq distorsjoni tal-kummerċ.

**Dikjarazzjoni mir-Repubblika Ċeka, il-Finlandja, l-Italja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, is-Slovenja, l-Isvezja u r-Rumanija**

Meta jimplimentaw dan ir-Regolament, l-Istati Membri msemmijin hawn fuq għandhom iħabirku biex inaqqsu kemm jista' jkun il-piż amministrattiv maħluq bir-Regolament u jħaffu l-kapaċità tal-operaturi onesti li jikkonformaw mar-rekwiżiti, waqt li jieħdu kont speċifiku tas-sitwazzjoni tal-impriżi/l-operaturi ta' daqs żgħir u medju.

**Dikjarazzjoni mill-Portugall**

L-impożizzjoni ta' regoli li jistgħu jinvolvu spejjeż addizzjonali għall-operaturi ekonomiċi fil-kuntest tal-kriżi globali li qed taffettwa l-Ewropa u l-bqija tad-dinja tista' tikkontribwixxi biex iddgħajjef is-settur kummerċjali u tirrendi l-prodotti Ewropej inqas kompetittivi. Dan il-fatt iġegħelna nitħassbu ħafna dwar l-approvazzjoni tar-Regolament li jistabbilixxi l-obbligi tal-operaturi li jqiegħdu fis-suq injam u prodotti tal-injam.

Ma aħniex qed nikkontestaw l-għanijiet sottostanti, li aħna nappoġġaw – b'mod partikolari l-ġlieda kontra t-tneħħija illegali ta' foresti – iżda pjuttost l-obbligi sproporzjonati li ser jirrikjedi r-Regolament. Dan hu partikolarment preokkupanti fil-każ ta' settur ibbażat fuq għadd kbir ta' impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMUs), li għalihom għandna nfittxu sistema simplifikata, f'konformità mar-rakkomandazzjoni magħmula mill-Portugall f'Marzu għall-minuti tal-Kunsill meta ġiet adottata l-pożizzjoni komuni.

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI<br>OTTUBRU 2010 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TAL-VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-drittijiet tal-passiġġieri meta jivvjaġġaw bil-baħar jew minn passaġġi fuq l-ilma interni u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004<br>+ REV 4 (it) | PE-CONS 32/10<br>+ REV 1 (cs)<br>+ REV 2 (sv)<br>+ REV 3 (pl)<br>+ REV 4 (it) | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

**Dikjarazzjoni tad-Delegazzjoni Taljana**

L-Italja tinnota li t-test tar-Regolament dwar id-drittijiet tal-passiġġieri meta jivvjaġġaw bil-baħar jew minn passaġġi fuq l-ilma interni adottat fit-tieni qari mill-Parlament jitbiegħed sostanzjalment f'diversi punti mill-pożizzjoni komuni tal-Kunsill ta' Ottubru 2009.

B'mod partikolari, wieħed ma jistax ma jinnotax li, b'riżultat tal-emendi, l-obbligi ta' assistenza jirrigwardaw prinċipalment is-settur marittimu, filwaqt li jidher li s-settur tal-passaġġi fuq l-ilma interni ġie fil-biċċa l-kbira eskluż, u b'hekk l-objettivi ddikjarati ta' protezzjoni tal-passiġġieri fis-setturi kollha tat-trasport Komunitarju tilfu s-sens tagħhom.

Ċerti aspetti tar-Regolament ma jistax ma jkollhomx impatt negattiv fuq is-settur marittimu nazzjonali, li huwa kkaratterizzat mill-bżonnijiet ta' kontinwità territorjali lejn il-gżejjer kbar u żgħar tat-territorju Taljan, minn numru kbir ta' impriżi ta' daqs żgħir u medju, minn struttura kumplessa ta' portijiet u gżejjer u minn flussi varjabbli matul is-sena.

Għalkemm ir-Regolament jirrappreżenta opportunità biex tittejjeb b'mod effettiv il-kwalità tas-servizzi ta' trasport marittimu Komunitarji u biex jissaħħu d-drittijiet tal-passiġġieri li jivvjaġġaw bil-baħar jew minn passaġġi fuq l-ilma interni, l-Italja tissottolinja n-nuqqas ta' sodisfazzjon tagħha rigward ċerti aspetti tar-Regolament li ma jiħdux kont tal-istruttura speċifika tas-settur Taljan jew dik ta' pajjiżi Komunitarji oħra b'numru kbir ta' impriżi ta' daqs żgħir u medju li huma prevalentement impenjati fi trasport imħallat ta' merkanzija u passiġġieri bil-karozzi, li ta' spiss jiddependi mill-istaġun, u li diġà ntlaqtu ħażin ħafna mill-kriżi reċenti u għaddejjin minn fażi diffiċli ta' ristrutturazzjoni (privatizzazzjoni).

Il-kawżi għall-preokkupazzjoni huma l-fatt li ma ġiex aċċettat li jiġu esklużi unitajiet impenjati esklużivament jew predominantement fit-trasport tal-merkanzija, bir-riżultat li l-ambitu ġie estiż wisq (biex jinkludi bastimenti ċċertifikati għat-trasport ta' aktar minn 12-il passiġġier), ir-riġidità ta' ċerti miżuri dwar l-għoti ta' assistenza (li jsiru applikabbli f'każijiet ta' dewmien ta' aktar minn 90 minuta wara l-ħin tat-tluq previst) u n-nuqqas ta' inklużjoni ta' ċirkostanzi eċċezzjonali biex isiru applikabbli ċerti derogi għall-għoti ta' assistenza: dawn il-miżuri ser iqiegħdu piżijiet addizzjonali konsiderevoli fuq settur li diġà qed juri sinjali ta' deterjorament.

L-aspetti msemmija hawn fuq huma problematiċi, u r-Regolament, fl-aktar verżjoni riċenti tiegħu, tilef miċ-ċarezza u l-applikabbiltà u sar strument li ser iqiegħed piż konsiderevoli fuq it-trasportaturi kkonċernati: ma jistax jiġi injorat jew issottovalutat il-fatt li l-impriżi ser iġarrbu l-ispejjeż diretti u indiretti li jirriżultaw mill-applikazzjoni tar-Regolament, bir-riskju reali li bosta operaturi fis-settur jisfaw eliminati mis-suq u b'hekk titnaqqas il-provvista ta' trasport.

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI<br>OTTUBRU 2010 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TAL-VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| **Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Griega**<br>Ir-Repubblika Ellenika tappoġġa b'mod sħiħ u inekwivoku l-għanijiet tal-proposta għal Regolament dwar id-drittijiet tal-passiġġieri meta jivvjaġġaw bil-baħar jew minn passaġġi fuq l-ilma interni, li għandu importanza speċjali għall-pajjiżi b'industrija tat-trasport marittimu, bħall-Greċja, b'mod partikolari safejn huwa jsaħħaħ u jagħmel aktar effettiva l-protezzjoni tad-drittijiet tan-numri kbar ta' passiġġieri li jivvjaġġaw kull sena.<br>Madankollu, ir-Repubblika Ellenika tixtieq tiddikjara li, fl-opinjoni tagħha, il-proposta għal Regolament għandha turi aktar bilanċ bejn id-drittijiet fundamentali tal-passiġġieri, li hija tipproteġi tajjeb, u l-interessi leġittimi tat-trasportaturi bil-baħar (speċjalment intrapriżi żgħar u ta' daqs medju) li, f'ċerti każijiet (force majeure, ċirkostanzi eċċezzjonali), jirriżultaw fi spejjeż eċċessivi mingħajr ma jkun tort tagħhom.<br>B'mod partikolari, ir-Repubblika Ellenika tikkunsidra li l-eżenzjonijiet imniżżlin fl-Artikolu 20, u speċjalment fil-paragrafu 3 tiegħu, għandhom barra minn hekk jinkludu l-obbligu li tiġi pprovduta akkomodazzjoni (Artikolu 17(2)) ukoll fil-każ ta' ċirkostanzi eċċezzjonali bħal operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ, trasport ta' persuni morda, inċidenti li jinvolvu s-sikurezza tal-bastiment u l-passiġġieri u kopertura ta' ħtiġijiet straordinarji tat-trasport, li huma kruċjali għall-funzjonament effettiv tan-netwerk kostali Grieg li huwa estensiv ħafna.<br>F'dan il-kuntest ir-Repubblika Ellenika titlob lill-Kummissjoni Ewropea, biex malajr kemm jista' jkun, tippreżenta studju dwar l-impatt probabbli, li jista' jirriżulta mit-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tal-proposta tar-Regolament ikkonċernat għall-Istati Membri u t-trasportaturi. | | | |
| Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-investigazzjoni u l-prevenzjoni ta' aċċidenti u inċidenti fis-settur tal-avjazzjoni ċivili, u li jħassar id-Direttiva 94/56/KE | PE-CONS 36/10<br>+ COR 1 (fi)<br>+ REV 1 (bg) | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| **It-3036 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AMBJENT), li saret fil-Lussemburgu fl-14 ta’ Ottubru 2010** | | | |
| Id-Direttiva tal-Kunsill 2010/66/UE tal-14 ta' Ottubru 2010 li temenda d-Direttiva 2008/9/KE li tistabbilixxi regoli dettaljati għar-rifużjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud, prevista fid-Direttiva 2006/112/KE, għal persuni taxxabbli mhux stabbiliti fl-Istat Membru ta’ rifużjoni iżda stabbiliti fi Stat Membru ieħor | 13936/10<br>+ COR 1 (hu)<br>+ COR 2 (fi)<br>+ COR 3 (sl) | B’unanimità | L-Istati Membri kollha favur |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI<br>OTTUBRU 2010 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TAL-VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| **It-3037 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (TRASPORT, TELEKOMUNIKAZZJONI u ENERĠIJA) li saret fil-Lussemburgu fil-15 ta' Ottubru 2010** | | | |
| Il-pożizzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Ottubru 2010 dwar l-Ittra ta' emenda Nru 1 għall-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2011 | 15000/10 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur ħlief:<br>astensjoni: PL |
| **Dikjarazzjoni dwar l-ittra ta' emenda Nru 1/2011**<br>Il-Kunsill ifakkar fl-importanza kbira li l-istabbiliment tas-SEAE għandu jkun ggwidat mill-prinċipju ta' kost-effiċjenza bl-għan ta' newtralità baġitarja. Il-kunċett ta' newtralità baġitarja għandu jitqies fil-kuntest ta' riżorsi fil-baġit tal-UE, inkluż meta jiġi deċiż dwar kwalunkwe bini ġdid. Huwa jistenna rapport dwar pjan ta' tfaddil/riallokazzjoni effiċjenti kmieni fl-2011 li jiddeskrivi passi konkreti li għandhom jittieħdu fil-perijodu l-qasir kif ukoll f'dak medju għall-progress lejn in-newtralità baġitarja u għandu jkun soġġett għal reviżjoni regolari. | | | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN<br>OTTUBRU 2010 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| **It-3034 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (ĠUSTIZZJA u AFFARIJIET INTERNI), li saret fil-Lussemburgu fis-7 u t-8 ta' Ottubru 2010**<br><br>2010/616/UE: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Ottubru 2010 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun dwar assistenza legali reċiproka f'materji kriminali<br>13377/10<br><br>Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/603/PESK tas-7 ta' Ottubru 2010 dwar iżjed miżuri b'sostenn għall-implimentazzjoni effettiva tal-mandat tat-Tribunal Kriminali Internazzjonali għal dik li kienet il-Jugoslavja (ICTY)<br>13720/10<br><br>Dikjarazzjoni tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar il-Eurofisc, stabbilit skont il-Kapitolu X tar-Regolament tal-Kunsill dwar il-kooperazzjoni amministrattiva u l-ġlieda kontra l-frodi fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud<br>12569/1/10 REV 1<br><br>Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-segwitu tal-implimentazzjoni tal-istrumenti li jimplimentaw il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji f'materji kriminali<br>13403/1/10 REV 1 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN<br>OTTUBRU 2010 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| 2010/649/UE: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Ottubru 2010 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Pakistan dwar ir-riammissjoni ta' persuni li jirresjedu mingħajr awtorizzazzjoni<br>5942/10 | |

**Dikjarazzjoni konġunta mill-Kunsill u l-Kummissjoni dwar l-Artikolu 20(3)**
Il-Kunsill u l-Kummissjoni jenfasizzaw li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 20(3) huma dispożizzjonijiet eċċezzjonali marbuta mal-kuntest tan-negozjati mal-Pakistan. Huma ma jifformawx preċedent għal negozjati oħra ta' ftehimiet Komunitarji dwar ir-riammissjoni, fejn l-eżitu għandu jeskludi tali restrizzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni.
Barra minn hekk, dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jiġu interpretati bħala li jpoġġu l-piż tal-prova fuq il-partijiet li jinvokawhom, li f'dan il-każ, ir-responsabbiltà tagħhom ser tkun li juru prova tad-dħul tal-persuna fit-territorju tal-Istat rikjedenti qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.
L-effetti tal-Artikolu 20(3), speċjalment fir-rigward tar-riammissjoni b'suċċess ta' ċittadini nazzjonali proprji esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Ftehim, ser jiġu sorveljati mill-qrib, b'mod partikolari fil-Kumitat Konġunt dwar ir-Riammissjoni.
Il-Kummissjoni, jew kwalunkwe Stat Membru kkonċernat, ser ikun jista' wkoll jirreferi kwalunkwe problema sinifikanti f'dan il-qasam lill-korpi kompetenti tal-Kunsill, sabiex ikunu jistgħu jittieħdu l-miżuri biex din tiġi riżolta.

**Dikjarazzjoni minn Franza dwar id-Dikjarazzjoni Konġunta fir-rigward tal-Artikolu 8(2)**
Franza tieħu nota tad-Dikjarazzjoni Konġunta dwar l-Artikolu 8(2) u tal-fatt li, fil-każ ta' tweġiba pożittiva għal talba ta' riammissjoni indirizzata minn Franza lill-Pakistan, hija għandha l-għan li tinkludi l-ħruġ tad-dokument tal-ivvjaġġar fl-limitu ta' żmien massimu ta' 30 jum.
L-applikazzjoni tad-Dikjarazzjoni Konġunta hekk maqbula għandha tiġi ssorveljata mill-qrib, b'mod partikolari fil-Kumitat Konġunt dwar ir-Riammissjoni.

| | |
|---|---|
| Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Pakistan dwar ir-riammissjoni ta' persuni li jirrisjedu mingħajr awtorizzazzjoni<br>5942/10 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN<br>OTTUBRU 2010 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| 2010/621/UE: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Ottubru 2010 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil dwar eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir għad-detenturi ta' passaporti diplomatiċi, ta' servizz jew uffiċjali<br>13657/10 + REV 1 (hu)<br><br>2010/622/UE: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Ottubru 2010 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil dwar eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir għad-detenturi ta' passaporti ordinarji<br>13658/10 + COR 1 (hu)<br><br>2010/620/UE: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Ottubru 2010 dwar l-iffirmar ta' Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Renju tal-Marokk fil-programmi tal-Unjoni<br>12710/10 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN<br>OTTUBRU 2010 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| Id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Indoneżja dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru<br>10843/10 | |
| **Dikjarazzjoni Konġunta mill-Kunsill u l-Kummissjoni**<br>Fost l-oħrajn għal raġunijiet pragmatiċi, huwa preferibbli li l-Komunità waħedha għandha tikkonkludi l-Ftehim mar-Repubblika tal-Indoneżja dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru. L-istess konsiderazzjonijiet japplikaw fir-rigward ta' ftehimiet simili sakemm jiġu konklużi skont u fil-limiti tal-mandat dwar is-sostituzzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet fil-ftehimiet bilaterali eżistenti adottati bid-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2003.<br>Din id-Deċiżjoni ma tikkostitwixxix preċedent fir-rigward tal-eżerċizzju tal-kompetenzi rispettivi tal-Komunità u tal-Istati Membri tagħha fir-rigward ta' ftehimiet oħrajn li mhumiex dawk imsemmija hawn fuq, bħal pereżempju, ftehimiet tat-tip previst mid-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2003 li tawtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati mal-Istati Uniti fil-qasam tat-trasport bl-ajru, li għandhom jiġu konklużi bħala ftehimiet imħallta.<br>Din id-Deċiżjoni ma toħloq l-ebda kompetenza Komunitarja ġdida safejn huma kkonċernati ftehimiet esterni dwar is-servizzi bl-ajru, u lanqas ma taffettwa d-diviżjoni tal-kompetenzi bejn il-Komunità u l-Istati Membri tagħha. | |
| Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-sħubija pubblika-privata fir-rigward tat-titjib tas-sigurtà tal-isplussivi<br>13485/10 | |
| **It-3035 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (KOMPETITTIVITÀ - SUQ INTERN, INDUSTRIJA U RIĊERKA), li saret fil-Lussemburgu fil-11 u t-12 ta' Ottubru 2010** | |
| 2010/623/UE: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Ottubru 2010 li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, rigward l-awdituri esterni tal-Banka d'Italia<br>12947/10 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN<br>OTTUBRU 2010 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Ewropa, l-ewwel destinazzjoni turistika fid-dinja - qafas politiku ġdid għat-turiżmu Ewropew<br>13930/10<br><br>Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Inżidu l-attrazzjoni tal-programmi tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE: l-isfida tas-simplifikazzjoni<br>14980/10<br><br>Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tnedija ta' inizjattivi ta' pprogrammar konġunt dwar 'L-agrikoltura, is-sigurtà tal-provvista tal-ikel u t-tibdil fil-klima', 'Il-Wirt Kulturali u t-Tibdil Dinji: sfida ġdida għall-Ewropa', u 'Dieta tajba għal ħajja b'saħħitha'<br>14976/10<br><br>**It-3036 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AMBJENT), li saret fil-Lussemburgu fl-14 ta' Ottubru 2010**<br><br>Id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni Ewropea fin-negozjati li qed isiru fil-qafas tal-Protokoll ta' Montreal dwar Sustanzi li Jnaqqsu s-Saff tal-Ożonu<br>13480/10<br><br>Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tħejjija tal-għaxar laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet (COP 10) għall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (CBD) (Nagoja, 18 - 29 ta' Ottubru 2010)<br>14161/10 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN<br>OTTUBRU 2010 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-analiżi ta' alternattivi biex nimxu lil hinn minn tnaqqis ta' 20 % fl-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra u l-valutazzjoni tar-riskju tar-rilokazzjoni ta' emissjonijiet tal-karbonju<br>14192/10<br><br>Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tħejjijiet għas-16-il sessjoni tal-Konferenza tal-Partijiet (COP 14) għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) u għas-sitt sessjoni tal-Laqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll ta' Kyoto (CMP 6) (Cancún, mid-29 ta' Novembru sal-10 ta' Diċembru 2010)<br>14957/10<br><br>**It-3037 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (TRASPORT, TELEKOMUNIKAZZJONI u ENERĠIJA) li saret fil-Lussemburgu fil-15 ta' Ottubru 2010**<br><br>Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Applikazzjonijiet tas-Sistema Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS)<br>14146/10<br><br>Id-Deċiżjoni tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim Ewro-Mediterranju għall-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, min-naħa l-oħra<br>14030/10<br><br>Id-Deċiżjoni tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fil-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim dwar Spazju Komuni għall-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Ġeorġja min-naħa l-oħra<br>14031/10 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN<br>OTTUBRU 2010 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 1/2010 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (skont l-Artikolu 287(4), it-tieni subparagrafu, TFUE): Il-proċeduri doganali ssimplifikati għall-importazzjonijiet huma kkontrollati b'mod effettiv?<br>12760/3/10 REV 3<br><br>Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/619/PESK tal-15 ta' Ottubru 2010 li temenda l-Azzjoni Konġunta 2008/124/PESK dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo, il-EULEX KOSOVO<br>13122/10 + COR 1<br><br>Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Ottubru 2010 li tawtorizza lir-Repubblika Taljana biex tkompli tapplika miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 285 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud<br>13929/10<br><br>**It-3038 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI), li saret fil-Lussemburgu fid-19 ta' Ottubru 2010**<br><br>2010/655/UE: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2010 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim ta' Kooperazzjoni għall-Protezzjoni mit-Tniġġis tax-Xtut u l-Ibħra fil-Grigal tal-Atlantiku<br>14476/10<br><br>Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Iżgurar tal-effiċjenza u l-effettività futuri tal-infiq pubbliku għall-edukazzjoni terzjarja.<br>14638/10 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN<br>OTTUBRU 2010 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-reviżjoni tal-KPE tal-aħjar prattika<br>14613/10<br><br>**It-3039 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (IMPJIEGI, POLITIKA SOĊJALI, SAĦĦA U AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR), li saret fil-Lussemburgu fil-21 ta' Ottubru 2010** | |
| Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2010 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni stabbilit bil-Ftehim dwar Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Kroazja, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi ta' sigurtà soċjali<br>11217/10 + REV 1 (nl) + REV 2 (pt) | L-Istati Membri kollha favur ħlief:<br>Astensjoni: CZ, MT |
| Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2010 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit bil-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u l-Istat tal-Iżrael, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni ta' dispożizzjonijiet dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi ta' sigurtà soċjali<br>11215/10 + COR 1 + REV 2 (pt) + REV 3 (nl) | L-Istati Membri kollha favur ħlief:<br>Astensjoni: CZ, MT |
| Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2010 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni stabbilit bil-Ftehim dwar Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-koordinazzjoni ta' sistemi tas-sigurtà soċjali<br>11216/10 + REV 1 (nl) + REV 2 (lt) + REV 3 (pt) | L-Istati Membri kollha favur ħlief:<br>Astensjoni: CZ, MT |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN<br>OTTUBRU 2010 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| **Dikjarazzjoni mid-Delegazzjoni Maltija u dik Ċeka**<br>Malta u r-Repubblika Ċeka jirrikonoxxu u jappoġġjaw bis-sħiħ l-objettiv ta' dawn id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill fir-rigward tal-Istat ta' Iżrael, Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u r-Repubblika tal-Kroazja.<br>Dawn id-delegazzjonijiet, madankollu, jikkunsidraw li dawn id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill għandhom jimplimentaw il-prinċipji għall-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali kif jinsab fil-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni u m'għandhomx jeċċedu l-mandat ta' dawn il-Ftehimiet jew jestendu l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom.<br>Dawn id-delegazzjonijiet jidhrilhom li fid-dawl tal-fatt li l-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni rispettivi ma fihomx klawżola ta' trattament ugwali, iż-żieda tal-Artikolu 2a f'dawn id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill tmur lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni li kien maħsub għalihom.<br>Malta u r-Repubblika Ċeka għalhekk jastjenu dwar dawn id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill. | |
| Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2010 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni maħluq mill-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tat-Tuneżija, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni ta' dispożizzjonijiet dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi ta' sigurtà soċjali<br>11213/10 + REV 1 (nl) + REV 2 (pt)<br><br>Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2010 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit bil-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni ta' dispożizzjonijiet dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi ta' sigurtà soċjali<br>11211/10 + COR 1 (sl) + REV 1 (nl) + REV 2 (lt) + REV 3 (pt) | |

<table>
<tr><th colspan="2">INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN<br>OTTUBRU 2010</th></tr>
<tr><th>ATTI OĦRAJN</th><th>Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi</th></tr>
<tr><td>Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2010 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni maħluq mill-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika Demokratika Popolari tal-Alġerija, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni ta' dispożizzjonijiet dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi ta' sigurtà soċjali<br>11214/10 + COR 1 + REV 2 (pt) + REV 3 (nl)</td><td></td></tr>
<tr><td>2010/707/UE: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2010 dwar il-linji gwida għal-linji politiċi dwar l-impjiegi tal-Istati Membri<br>14338/10</td><td>L-Istati Membri kollha favur ħlief:<br>Astensjoni: UK</td></tr>
<tr><td colspan="2">Dikjarazzjoni minn Ċipru dwar il-premessa 8<br>Ċipru jappoġġa bis-sħiħ il-filosofija mniżżla fil-premessa 8 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-Linji Gwida għall-Politika tal-Istati Membri dwar l-Impjiegi.<br>Madankollu, għal raġunijiet ta' prinċipju, Ċipru jixtieq jinnota għal kull bon fidi li minbarra d-diversi strateġiji ta' ħruġ imsemmijin fil-premessa 8 tad-Deċiżjoni, għandu jkun hemm ukoll riferiment għall-ħtieġa li l-koeżjoni soċjali tkun żgurata u salvagwardjata permezz ta' dawn il-miżuri proposti.<br>Ċipru jemmen li l-UE tkun leali lejn il-missjoni tagħha biex taġixxi bħala gwardjan tad-Dimensjoni Soċjali tal-Ewropa biss billi tiżgura li waqt li twettaq l-aktar riformi fiskali u makroekonomiċi li huma meħtieġa u waqt li ssaħħaħ "ir-rendiment tas-suq tax-xogħol", tiġi rispettata bis-sħiħ il-ħtieġa li l-koeżjoni soċjali tkun żgurata. Dan huwa essenzjali, mhux biss sabiex jitwettaq ir-rwol tal-EPSCO, iżda wkoll biex ikun żgurat li jkollu rwol aktar prominenti fil-governanza tal-Istrateġija UE 2020.<br>Ċipru jappoġġa bis-sħiħ kwalunkwe inizjattiva li ttejjeb u ssaħħaħ il-Koeżjoni Soċjali tal-Istati Membri u d-Dimensjoni Soċjali tal-Unjoni u, ċertament, il-protezzjoni taċ-ċittatdini tiegħu. Dan għandu jkun parti integrali ta' kwalunkwe sforz biex jinkisbu riformi fiskali u makroekonomiċi sostenibbli.</td></tr>
<tr><td>Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Governanza tal-Istrateġija Ewropea dwar l-Impjiegi fil-kuntest tal-Ewropa 2020 u s-Semestru Ewropew<br>14478/10</td><td></td></tr>
</table>

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN<br>OTTUBRU 2010 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| **It-3040 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET ĠENERALI), li saret fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ottubru 2010**<br><br>Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 965/2010 tal-25 ta' Ottubru 2010 li jimponi dazju definittiv tal-anti-dumping u li jiġbor definittivament id-dazju proviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' glukonat tas-sodju li joriġina mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina<br>ĠU L 282, 28.10.2010, p. 24-28<br><br>Ir-Regolament ta' implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 964/2010 tal-25 ta' Ottubru 2010 li jimponi dazju anti-dumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju proviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti roti tal-aluminju għall-użu fit-triq li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina<br>ĠU L 282, 28.10.2010, p. 1-23<br><br>Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 973/2010 tal-25 ta' Ottubru 2010 li temporanjament jissospendi d-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni fuq importazzjoni ta' ċerti prodotti industrijali fir-reġjuni awtonomi tal-Azores u Madeira<br>ĠU L 285, 30.10.2010, p. 4-8 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN<br>OTTUBRU 2010 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew: Valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-miżuri għall-irtirar kmieni kif stipulat fl-Artikolu 9 tal-Anness VIII għar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali u l-Artikolu 39 tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg ta' Ħaddiema Oħra tal-Komunitajiet Ewropej<br>14699/10 | |

**Dikjarazzjoni mid-Delegazzjoni Awstrijaka**

L-Awstrija tiddubita n-newtralità baġitarja tal-miżura għall-irtirar kmieni prevista fl-Artikolu 9 paragrafu 2 tal-Anness VIII għar-Regolamenti tal-Persunal u barra minn dan hija tal-fehma li din il-miżura mhijiex għodda xierqa ta' ġestjoni regolari tar-riżorsi umani. Għalhekk l-Awstrija tappella lill-Kummissjoni biex sa nofs l-2011 tressaq proposta leġislattiva biex tħassar l-Artikolu 9 paragrafu 2 tal-Anness VIII għar-Regolamenti tal-Persunal.

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**

Il-Kummissjoni tisħaq li r-rapport dwar il-miżura għall-irtirar kmieni ppreżentat lill-Kunsill ma jagħti l-ebda figuri li juru l-perspettiva fuq perijodu twil ta' żmien peress li dawn mhumiex rikjesti mir-Regolamenti tal-Persunal. Għalhekk il-Kummissjoni ma tarax fuq liema bażi l-Kunsill jista' jaħseb li l-iskema ma tkunx newtrali f'sens baġitarju fil-perijodu twil ta' żmien.

Il-Kummissjoni tfakkar li kienu biss ċirkostanzi eċċezzjonali ta' wara t-tkabbir li wasslu għall-applikazzjoni ta' rata ta' 10 % kull sena u li xejn ma jippermetti li wieħed jantiċipa li din ir-rata massima ser tintlaħaq sistematikament fis-snin li ġejjin.

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN<br>OTTUBRU 2010 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Applikazzjoni tar-Repubblika tas-Serbja għal sħubija fl-Unjoni Ewropea<br>15305/2/10 REV 2 | |
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**<br>Il-Kummissjoni beħsiebha tippreżenta l-opinjoni tagħha matul it-tieni nofs tal-2011. Fir-rakkomandazzjoni tagħha lill-Kunsill f'dan ir-rigward, il-Kummissjoni ser tibbaża l-valutazzjoni tagħha fuq il-kriterji politiċi ta' Kopenħagen u l-kondizzjonalità tal-proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni li tinkludi kooperazzjoni sħiħa mal-ICTY u kooperazzjoni reġjonali tajba. | |
| **It-3041 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET BARRANIN), li saret fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ottubru 2010** | |
| Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Lejn politika komprensiva ta' investiment internazzjonali Ewropew<br>14373/10 | |
| ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jistabbilixxi Mekkaniżmu għas-Soluzzjoni tat-Tilwim<br>13752/10 | |
| ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, ta' Ftehim fl-għamla ta' Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan li jistabbilixxi mekkaniżmu tas-soluzzjoni tat-tilwim applikabbli għal tilwim li jaqa' taħt id-dispożizzjonijiet kummerċjali tal-Ftehim Euro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan min-naħa l-oħra<br>13756/10 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN<br>OTTUBRU 2010 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, ta' Ftehim fil-forma ta' Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Għarbija tal-Eġittu li jistabbilixxi mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim applikabbli għal tilwimiet li jaqgħu taħt id-dispożizzjonijiet kummerċjali tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda, u r-Repubblika Għarbija tal-Eġittu, min-naħa l-oħra<br>13760/10<br><br>Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Bjelorussja<br>15014/10<br><br>Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Uzbekistan<br>14949/10 + COR 1 (fi)<br><br>Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Balkani tal-Punent - il-Bosnja-Ħerzegovina<br>15129/10<br><br>Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 961/2010 tal-25 ta' Ottubru 2010 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 423/2007<br>14062/10 + REV 1 (en)<br><br>Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/644/PESK tal-25 ta' Ottubru 2010 li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2007/140/PESK<br>14721/10 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN<br>OTTUBRU 2010 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/638/PESK tal-25 ta' Ottubru 2010 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika tal-Ginea<br>14580/10<br><br>Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/639/PESK tal-25 ta' Ottubru 2010 dwar miżuri restrittivi kontra ċerti uffiċjali tal-Bjelorussja<br>14727/10<br><br>Linji Gwida Riveduti dwar il-Protezzjoni tal-Popolazzjonijiet Ċivili fil-Missjonijiet u l-Operazzjonijiet tal-PSDK<br>15091/10<br><br>Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Repubblika tal-Moldova<br>15521/10<br><br>Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Saħel<br>15570/10<br><br>Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sħubija tal-Lvant<br>15520/10 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN<br>OTTUBRU 2010 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| **It-3042 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AGRIKOLTURA U SAJD), li saret fil-Lussemburgu fis-26 ta' Ottubru 2010**<br><br>2010/739/UE: Id-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni EGF/2009/021 IE/SR Technics mill-Irlanda)<br>13898/10<br><br>Id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-Istati Membri li jikkontribwixxu għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (it-tielet ħlas parzjali għall-2010)<br>15043/10<br><br>**Proċedura bil-miktub li tlestiet fid-29 ta' Ottubru 2010**<br><br>Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/656/PESK tad-29 ta' Ottubru 2010 li ġġedded il-miżuri restrittivi kontra l-Côte d'Ivoire<br>15254/10 | |